# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-24 ta' Jannar, 2024

Avviz tat-Talba numru:: 200/2022 CL

**Avukat Dr. Rita Mifsud (KI nru: 472696M) bhala mandatarja specjali tal-assenti Marie Hayler (passaport Ingliz bin-numru 560441253)**

**vs**

**Hotel San Antonio Limited (C302)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fit-3 ta' Lulju 2022 fejn l-attrici fethet proceduri fil-konfront tas-socjeta konvenuta, wara li l-attrici kienet soffriet danni pekunjari ammontanti ghal tlett elef mija u erbgha u erbghin euro u tnax-il centezmu (€3,144.12) kawza ta' incident li sehh nhar it-3 ta' Gunju 2019 gewwa Pearl Spa tal-lukanda DB San Antonio Hotel & Spa gestit mis-socjeta konvenuta, meta l-attrici soffriet danni kawza ta' hruq ikkagunat minn trattament ta' *hot stone massage*. Ghaldaqstant talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi ikkundanata thallas is-somma ta' €3144.12 rapprezentanti danni subiti mill-attrici kawza tal-incident li sehh fit-3 ta' Gunju 2019, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra uffcjali numru 2080/2020 u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta li giet pprezentata mis-socjeta konvenuta fit-22 ta' Awwissu 2022, fejn primarjament kwalsiasi dritt ta' azzjoni fil-konfront tas-socjeta konvenuta minhabba l-allegati danni soffferti minnha nhar it-3 ta' Gunju 2019, gie estint bl-ghemil tal-atttrici stess sussegwenti ghall-allegat incident. Fit-tieni lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta attrici u dan stante illi t-trattament in kwistjoni sar minn impjegata tas-socejta konvenuta li hija persuna kompetenti biex tipprovdi servizzz, u ma sarx mis-socjeta innifisha. Is-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma kienet negligenti u ma naqset b'xi mod fil-konfront tal-attrici b'dan illi t-trattament gie moghti wara t-terapista kompetenti u kwalifikata mxiet mal-protokolli kollha tas-socjeta konvenuta kemm qabel

u kif ukoll wara t-trattament. Illi semmai, l-attrici ikkontribwiet ghall-allegati danni li sofriet hija stess b'negligenza da parti taghha. Illi in ogni kaz l-attrici ghandha tipprova kif waslet ghall-ammont pretiz minnha f'danni.

Fis-7 ta' Novembru 2022, xehed David Debono li huwa *executive director* izda fis-sena 2019 kien jokkupa l-inkarigu ta' *non executive director* u ma kienx involut fl-operat u fil-fatt qatt ma kellu kuntatt mal-attrici. Hu ipprezenta Dok DD1 li hija *registration form* tal-attrici meta ghamlet check in ghal perjodu 1 ta' Gunju sat-8 ta' Gunju 2019. Dok DD2 huwa *consultation form* li mliet l-attrici meta attendiet fl-Spa u Dok DD3 huwa l-*engagement form* ta' Diane Rose Umang li kienet it-terapista li pprovdiet s-servizz u li l-impjieg taghha kien gie tterminat ghax kienet rrezinjat biex tmur lura l-Philippines. Esebizza diversi certifikati f'isem Diana Rose mmarkati Dok DD4 u il-booking tal-*hot stone massage* tal-attrici Dok DD5. Wara l-incident il-klijenta kienet marret tirraporta lil Manager tal-Spa, Jessica Caruana li hejjiet rapport mmarkat Dok DD7 u ipprezenta ir-rapport tat-terapista Diane Rose Dok DD8. L-attrici gier riferuta lit tabib Dr Adrian Vella li kien kiteb li l-griehi kienu ta' natura hafifa wara li soffriet *first degree burn* Dok DD6. Il-kumpanija kienu tawha refund tal-medicini li kien kitbilha t-tabib. Minkejja dan l-incident l-attrici kienet regghet marret fl-istess lukanda tlett xhur wara ghal gimgha mis-7 sal-14 ta' Settembru Dok DD11.Ipprezenta reviews ta' Tripadvisor fejn jirefuru ghat-terapista bl-isem Ian Dok DD10.

Fis-6 ta' Frar 2023 xehdet Jessica Caruana li kienet ilha sitt snin fil-pozzizjoni ta' Spa Manager ta' Pearl Spa ta' DB San Antonio Hotel. Hi ma kinitx xoghol dak inhar tal-incident izda l-ghada kif saret taf dwar l-ilment kienet talbitha tmur fir-reception biex tara x'kellha. X'hin kixfet darha kellha patch zghira li kienet hamra ghax kellha gilda fair u rrikmandatilha li tmur ghand tabib. Mary Hyler u Gemma Hall kienu ibbukjaw package ghal-kopji u kellhom facial u hot stone masssage. Dawn jkunu t-tnejn fl-istess kamra fuq couches hdejn xulxin u jkollhom terapista kull wiehed, Hayler kellha lil Diana Rose, li kien jsejjah lilu nnifsu bl-isem Ian u Hall kellha lil Marco. Ma kien hemm ebda lment minghand Gemma Hall. Hi kienet ghamlet l-interview ta' Ian u in-nies kieneu jfahruha hafna u qatt ma kellhom lmenti. Ma kinitx ghada impjegata ghax kellha tmur lura f'pajjizha ghax kellha mard fil-familja. Fil-kamra tat-trattament jkum hemm *hotstone pot* wahda, li tkun bl-ilma jahraq u t-terapista tohroghom b'kukkarun apposta u tpoggihom fuq xugaman u t-temperatura tigi addatata awtomatikament u kull terapista tuza' l-hotstones fuq il-klijenta rispettiva taghha. It-terapista taqbad il-hotstone b'idejha wara li ticcekja li ma tantx tkun tahraq fuq in-naha ta' gewwa tal-polz ,ghax trid taghmel il-message b'idejha u ssaqsi lil klijenta jekk hux addattat ghaliha. Dawn l-istones jigu placed fuq id-dar tal-klijent fuq xugaman u wara ftit sekondi jitnehha x-xugaman u jibda l-procedura tal-message u wara t-trattament jitpoggew fis-sink biex jinhaslu qabel ma jerghu jintuzaw.

Rat l-affidavit ta' Marie Hayler tghid illi kienet giet Malta ghal gimgha mal-habiba taghha u kienu ghadu fil-lukanda San Antonio. Fit-3 ta' Gunju 2019 ibbukjaw Spa li kienet tinkludi *hot stone massage* u facial. Kif il *hot stones* topggew fuq darha hi mill-ewwel hassitha skomda ghalkemm kien hemm xugamam fuq il-gilda. Hi hassitha skomda ukoll waqt il-massage izda ma kellhiex ugigh u b'hekk kompliet bit-trattament. Hi baqghet skomda sa filghaxija u bdied thoss il-gilda tingibed u fil-fatt iffurmaw blisters, kif jidhru mir-ritratti Dok C. Ma setghetx torqod komda fuq darha ghax kienet mugugha. L-ghada fil-ghodu kif tbaxxiet infaqa' l-blister u hareg hafna likwidu minnu u marret taghmel complaint lil Jet2 u lil assistant manager tal-lukanda li offrilha xi garza u sailine u wara rrikmandawla li tmur l-ispizerija u li jkelmu lil spa manager li kienet gja taf x'gara. Kif rat il-ferita fuq darha s-Spa Manager ipprovat tghid li kienet sunburn, ghalkemm il-kumplament ta' darha ma kienx mahruq u l-harqa kienet l-istess qies tal-gebla. Wara qalulha biex tmur ghand it-tabib li kien faqalha l-kumplament tal-blisters u l-lukanda halsu l-ispejjez tal-prodotti tal-ispizerija, tat-tabib u nofs it-trattament tal-*hotstone*. Fis 6 ta' Lulju 2019 kellhom gurnata fuq vapur li kellhom jikkancellaw minhabba li kienet migugha. Il-habiba taghha kellha tiehu hsiebha u tbidlilha d-dressing minhabba li kienet f'pozzizjoni li ma setghetx taghmilha hi u ma setghetx tpoggi komda ghax ma setghetx isserrah darha mad-dahar tas-siggu. Ir-rapprezentant tal-Jet2 infurmatha li l-lukanda kienu ghalqu l-ilment taghha billi kienu ikkumpensawha ghal-ispejjes tat-tabib u offrewlha li tmur l-ajruport f'transfer provat flokk bil-coach. Matul it-tijira kollha ma setghetx toqghod komda minhabba li ma setghetx isserrah darha. Kif marret lura marret tara tabib fl-A&E Northampton li kien nehhilha d-dressing u nadfilha l-ferita u ha xi ritratti biex jibghathom lil specjalista tal *burns.* Ma setghetx torqod bil-lejl u l-ghada 9 ta' Gunju 2019 marret il-*burns unit*, gewwa Mandeville. Wara li raw l-ferita u hadu scan u raw li l-hruq kien fond, kienu tawha Flammacerium u garza li kellha titbiddel kull jumejn. Peress illi kienet dijabetika l-ferita kienet ser ddum izjed biex tghaddi u fil-fatt damet xahrejn sejra l-Highfield Clinic. Kienet marret ukoll il *burns unit* fil 15 u 25 ta' Gunju 2019 u ipprezentat rapport Dok E. Baqghet migugha u skomda u fil-fatt ma setghetx tattendi ghax xoghol ghal gimghatejn u meta marret ghax xoghol kienet baqghet tattendi l-clinic.Minhabba f'hekk tilfet £465.59 fix-xahar Dok F u kellha twaqqaf il-gym ukoll. Wara xahrejn il-ferita bdiet tfieq u l-ugigh beda jnaqqas izda baqghet marka hamra li giet infurmatha li tista' ddum xi sentejn biex titlaq u fil-fattt kienet ghada sensittiva sal-llum. Dan gara minhabba li l *hot stones* ma gewx testjati qabel ma tpoggew fuq darha u ma tawha ebda informazzjoni dwar il-process qabel il-massage. Barra minn hekk l-messeurs ma tantx deheru ta' esperjenza u fil-fatt filghaxija ratha tahdem fil-bar. Skond ic-certifikat li hareg SLA Jeffrey ikklasifika l-ferita bhala second or third degree burns u li scarring huwa permanenti Dok G u t-trattament li gie irrikmandat biex tnehhi din il-marka hija ta' laser izda kien jiswa hafna flus. Fil-kontro ezami qalet li gieli kienet marret spa qabel

gewwa l-Ingliterra bl-aktar wahda ricenti tmien gimghat qabel il-massage gewwa Pearl Spa, izda din kienet l-ewwel darba li ipprovat *hot stone massage*. Din kienet l-ewwel darba li kienet giet Malta. Wara l-massage kienet marret taghmel ilment u kienu qalulha biex tmur l-ispizerija li kienu tawha xi crema u garza. Hadet l-ircevuta lir-reception u halsuha ta l-ispejjez. Wara issugerewlha li tmur ghand tabib u tawha l-indirizz u ma kinitx halsitu hi. Hi kellha insurance ma' Nationwide Bank meta kienet giet Malta, izda ma kienux halsuha ghax kienu huma li haduha ghand l-avukat biex tibda l-proceduri.L-avukat ta' Malta kien qieghed jirraprezenta l-avukat tal-Ingliterra. Is-servizzi li hadet fil-klinici l-Ingliterra kienu minghajr hlas u ma kinitx halset ghal-ispejjez ta' tobba fit-tlett klinici li kienet zaret.Hi tilfet id-dhul mill-impjieg ghax ma kellhiex *leave* u kellha tiehu *sick leave* biex tmur l-appuntamenti ghax il-leave taghha kien ibbukjat ghal vaganza ohra li kienet ser tqatta' Malta f'Settembru fl-istess lukanda San Antonio. Hi ppretendiet li l-persuna li kellha taghmlilha l-massage kienet kompetenti u waqt il massage ma waqfithiex ghax hasbet li l-Spa kienet timpjega persuni ikkwalifikati. Hi kellha wiccha l-isfel meta t-terapista bdiet taghmel il-massage bil-*hot stones* u ma setghetx tarha zzommhom f'idejha. Meta giet lura f'Settembru hi ma kienet kelmet lil hadd dwar l-incident fuq il-parir tal-avukat taghha. Il-habiba taghha ma kellha ebda griehi wara l-massage u ma kinitx ssofri mid-dijabetika. L-ewwel tabib kien nadaf il-ferita mill-gilda hazina ghax kien hemm xi infezzjoni. Ir-ritratt fejn tidher liebsa hoodie griza ittiehdet l-Ingliterra mis-specjalista l-isptar. It-trattament ta' scar therapy tiswa madwar £5000. Illum ma kinitx qieghda tircievi trattament. Wara Settembru 2019 regghet marret ghal vacanza fi Frar, ikkonfermat li kellha facebook profile. Ma kienet irceviet ebda kumpens mill-assikurazzjoni taghha.

Fil-kontro ezami SLA Jeffrey ikkonferma li kien hejja rapport fil-11 ta' Jannar 2020 li jinsab a foll 85 sa. 95 mmarkat Dok G ghal Simpson Miller LLP li huma ditta ta' avukati. Ku kien ircieva ittra ta' istruzzjoni minghandhom, fejn talbuh jinvista l-pazjenta u jara l-griehi li sostniet, it-trattamenti li inghatat u l-kondizzjoni taghha prezenti, ghax l l-prattika tieghu hija medical legal. Hu invizta darba biss, fil-11 ta' Jannar 2020 ghax ma kinitx pazjenta tieghu u sa dakinhar il-gerha kienet fieqet. Hu kien ha in konsiderazzjoni l-fatt li Heyler kienet dijabetika izda fl-opinjoni tieghu ma kienx relevanti ghax meta persuna b'type 2 diabitcs titlef is-sensazzjoni, din tkun fi-snien u mhux fid-dahar.Lanqas ma tafetwhom jekk jkunu esposti ghax-xemx jew ghas-shana. Hu kien ssugerixxa trattament f'kaz illi riedet tnehhi l-marka. Hu kien ibbaza r-rapport tieghu fuq *medical records* li kienu tawh l-avukati u fuq x'qaltlu l-klijenta. Hu ma kienx kellem lit-tobba li invistawha u fehem illi t-trattament kien permezz ta' garza.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta dwar il-protocol ta' *hot stone massage* fil-Pearl Spa u ritratti tal-attrici mehudin minn facebook u tat-treatment

rooms tas-Spa li turi *hot stone pot* wahda. Ra ukoll in-nota b'information sheet dwar il-medicini li Hayler indikat li kienet tiehu, li juru li kellhom *side effect* t' intolleranza ghas-shana u possibilita' ta' gilda xotta u sensittivita tal-gilda fid-dawl tax-xemx.

**Ikkunsidra;**

It-Tribunal sema' x-xhieda u ra d-dokumenti, jirrizulta illi ll-attrici kienet hadet s-serviz ta' *hotstone massage* waqt illi kienet fuq vaganza Malta. Illi m'hemmx dubju li wara dan il-massage l-attrici soffriet griehi rizultat tal-uzu tal *hot stones* li ikkawzalha ferita f'darha. Fil-fatt kellha tmur ghand it-tabib Malta u ghalhekk fl-ahhar erbat ijiem tal-vaganza taghha kienet mugugha u skomda u ma setghetx tmur fix-xemx. Il-lukanda min-naha l-ohra, ghalkemm ikkompensha tal-massage u tal-prodotti li kellha tixtri mis-spizjar kif ukoll it-tabib bhala donnu qieghed jipprova jitfa r-responsabilita' fuq l-attrici u jghid li kien minhabba il-kondizzjoni medika li hi soffriet dan il-hruq. It-Tribunal huwa konvint li l-griehi sehhew minhabba li l-hotstones kienu jaharqu wisq u allura kien hemm nuqqas min-naha tat-terapista li naqset li tizgura li t-temperatura taghhom kienet tant illi kienu jahrqu wisq. B'hekk in-ness bejn id-danni sofferti u l-*hot stone massage* huwa ipprovat. It-Tribunall izda ghandu diffikulta dwar id-danni mitluba fl-ammont ta' €3144.12, ghax bhala fatt kull ma gie ipprezentat kien l-ircevuta ta' €44 ghal gurnata lejn kemmuna li kellha tigi ikkancellata u ghalkemm kien ghaliha u l-habiba taghha, ghandha ragun l-attrici titlob ghal ammont totali ghax l-attrici giet vaganza mal-habiba u mhux biex jinfirdu u jaghmlu tours separatament spejalment tenut kont tac-cirkustanzi.L-ircevuta li halset £1578 ghal vaganza ta' gimgha ghal zewg persuni, li jammonta ghal £789 kull persuna, jammontaw ghal €112 kuljum. In vista li verament fl-ahhar erbat ijiem tal-vaganza l-attrici ma setghetx tkompli l-vaganza kif xtaqet it-Tribunal ser jistabilixxi kumpens tal-ahhar erbat ijiem tal-vaganza fl-ammont ta' £448[1]. Dwar il-kumpens ghat-telf tax-xoghol, ghalkemm it-Tribunal jara iggustifikat il-fatt li l-attrici ma marritx ghax-xoghol ghal dawn il-graner, ma gie ipprezentat ebda dokument li juri n-nuqqas fis-salarju li l-attrici soffriet ghajr ghal *screenshot* tal-kont bankarju li sfortunatament mhux accettabbli bhala prova.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici limitament ghal erbgha u erbghin euro €44 u erba' mija u tmienja u erbghin lira sterlina ( £448[2]) u jikkundana u jordna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €44 flimkien ma' £448 bl-imghax mid-data tal-kawza odjerna, stante li ma gietx ipprezentata l-ittra ufficjali li saret referenza ghaliha, sad-data tal-

[1] £112 kuljum ghal erbat ijiem
[2] stante li l-ircevuti gew ipprezentant bil-lira sterlina

hlas shih u effettiv. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**